Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag. Juris (EU Law)
Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur David Saliba)

vs

Francis Bezzina

Illum 23 ta’ Lulju, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Francis Bezzina, iben Paul u Doris nee’ Bezzina, imwieled il-Pieta fit-2 ta’ Marzu, 1965 u detentur tal-karta tal-identita Nru. 141165(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f’dawn il-gzejjer, f’dawn l-ahhar snin b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet diferenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b’rizuluzzjoni wahda;

Talli f'Selmun limiti tal-Mellieha, fid-29 ta' Awissu, 1996 matul il-gurnata ikkommetta serq ta' kwantita ta' gebel 'akwadotti' minn gewwa l-ghelieqi, li l-valur taghhom jeccedi l-LM50, izda anqas minn LM100, liema serq sehh ghad-dannu ta' Wilfred Gauci mill-Mellieha;

Talli mil-limiti tal-Mellieha fit-2 ta' Settembru, 1996 matul il-gurnata flimkien ma persuni ohra, ikkommettew serq ta' kwantita ta' gebel 'akwadotti' minn gewwa l-ghelieqi li l-valur taghhom jeccedi l-LM50, izda anqas minn Lm100, liema serq huwa ghad-dannu ta' Nazzareno Bonello mill-Mellieha;

Talli fis-Salina, limiti ta' Bahar ic-Caghaq fis-sajf tas-sena 1997, matul il-gurnata flimkien ma persuna ohra matul dawn l-ahhar snin ikkometta serq ta' xorb u oggetti ohra li l-valur taghhom jeccedi l-LM100, izda anqas minn Lm1000 mill-fond bla isem li huwa sitwat gewwa Triq il-Latnija, gewwa Salini, ghad-dannu ta' John Sammut u talli fl-istess data, hin u lok bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' serq ta' air-conditioner li huwa stmat li jiswa aktar minn LM100, izda anqas minn LM1,000 wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u independenti mill-volonta tieghu;

Talli mil-Iklin limiti ta' B'Kara matul dawn l-ahhar snin f'xi hin mhux maghruf flimkien ma persuna ohra, ikkommetta serq ta' zewg muturi minn fuq 'band saw' minn post li ghandu qed jinbena li huwa sitwat gewwa Triq il-Harruba, l-Iklin, liema muturi jiswew aktar minn LM100, izda anqas minn Lm1000 ghad-dannu ta' nies mhux maghrufa;

Talli flimkien ma persuna ohra matul dawn l-ahhar snin u cioe' fis-sena 1997 minn Burmarrad, matul il-gurnata, ikkommetta serq ta' 'generator' tad-dawl tal-ghamla Kawasaki li huwa stmat madwar LM300 mill-hanut 'Bonnici Ironmongery' li huwa sitwat gewwa Burmarad ghad-dannu ta' Godfrey Bonnici, liema serq huwa ta' aktar minn LM100, izda anqas minn Lm1,000 u ikkwalifikat bil-valur;

Talli fix-Xemxija bejn Awissu u Settembru 1998 f'xi hin flimkien ma persuni ohra ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom flixken tax-xorb mill-hanut 'Ambjent Store' li l-valur taghhom jeccedi l-LM100, izda anqas minn LM1,000 u dan ghad-dannu tas-sid John Sammut, liema serq huwa kkwalfikat bil-mezz u l-valur;

Talli fil-Qawra dawn l-ahhar snin, filghaxija ikkometta serq ta' telephone set li jiswa anqas minn Lm50 u li kien fih

madwar LM40 fi flus minn gewwa l-Qawra Palace Hotel ghad-dannu tal-istess lukanda;

Talli fil-Qawra, dawn l-ahhar snin, matul il-gurnata ikkommetta serq ta' handbag li kien fih is-somma ta' Lm8 ghad-dannu ta' nies mhux maghrufa.

Fl-ahhar nett talli jinsab recediv b'diversi sentenzi, liema sentenzi huma definittivi;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti, inkluz l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza dwar il-piena;

Rat il-verbal taghha tal-14 ta' Frar, 2002 fejn l-imputat fuq imsemmi debitament assistit volontarjament irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

Taqta u tiddeciedi illi fuq ammissjoni volontarja tal-istess imputat ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu issib l-istess imputat fuq imsemmi **hati** tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana wara illi l-Qorti rat l-Artikoli 18, 261(c), 261(d), 263, 264, 265, 266, 267, 278, 279, 280, 41, 49 u 50 tal-Kap. 9.

Illi l-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputat fuq imsemmi ghandu fedina penali xejn felici.

Illi dwar ir-refurtiva ma gietx rikuperata u dana peress li kien ghadda certu zmien minn meta kienu sehhu s-serqiet meritu ta' din l-imputazzjoni sa meta il-Prosekuzzjoni investigat lill-imputat. L-Ufficjal Prosekutur xehed bil-gurament tieghu illi l-imputat kien ibaghti mill-problema tal-vizzju tad-droga u jidhirlu li ghadu ibaghti minnha sal-lum. Huwa stqarr ukoll illi l-imputat minn meta gie investigat fl-1998 sal-lum ma tjiebx fl-attitudni tieghu imma baqa l-istess. L-Ufficjal Prosekutur xehed ukoll illi mill-1998 sal-lum huwa investiga lill-imputat dwar reati ohrajn.

Illi jirrizulta car minn ezami tal-fedina penali tal-imputat illi l-imputat fuq imsemmi inghata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati sabiex jirriforma ruhu pero' minflok ma hataf din l-opportunita l-imputat baqa' sejjer fit-triq il-hazina, baqa' jikkommetti reati u ma wera l-ebda inizzjattiva sabiex jirriforma ruhu u jehles mill-problema tad-droga illi ibaghti minnha.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti ma ghandha l-ebda alternattiva hlief illi tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi ghall-prigunerija ta' tmintax il-xahar.

Il-Qorti tissollecita lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jippremetti lill-imputat fuq imsemmi, dejjem jekk dan juri x-xewqa illi isegwi programm ghar-riabilitazzjoni mid-droga.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur